# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

FRAR 2020 – Ħarġa Nru: 178




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## RABTA

Jekk hemm ħaġa fi żmienna li żgur ma neħdux gost biha hi, dak li l-kelma t'hawn fuq tfisser! Fi żmienna, meta l-ħin kollu nisimgħu kliem assoċċjat mal-libertà: libertà tal-espressjoni, libertà tal-moviment; libertà tal-għażla; libertà tal-assoċċjazzjoni; id-dritt għall-libertà... żgur li nħossuh jistona dak kollu li lilna jista' "jorbotna"!



Li kien għalina, ngħixu f'libertà mingħajr xkiel, fejn inwettqu ħsibijietna u l-pjanijiet tagħna kif nixtiequ mingħajr ħadd ma jżommna. Imma lkoll nafu li dan ma jistax ikun! M'hemmx għalfejn tkun xi għaref kbir biex dan tirrejalizzah!

**Rabtiet ta' ħajjitna**

Min-naħa l-oħra, aħna nitkellmu mir-rabta taż-żwieġ, ir-rabta tal-familja, ir-rabta tar-reliġjon, ir-rabta tax-xogħol, ir-rabta tal-partit... Il-bniedem ma jistax ikun marbut ma' ħadd jew ma' xejn! Bniedem li għandu libertà assoluta, li jagħmel li jrid, li jasal fejn irid, nafu biżżejjed fejn jista' jispiċċa.

Ejjew neżaminaw xi rabtiet:

- *Ir-rabta tal-familja:* ilkoll kemm aħna nitwieldu u nitrabbew f'xi familja – tista' tkun dik naturali jew adottiva. Fiha nidraw il-qjies u r-rażan f'għemilna. Ma nistgħux nagħmlu li rridu għax inkella jinħoloq il-kaos. *U dan jitlob sagrifiċċju!*
- *Ir-rabta tax-xogħol:* malli l-bniedem jibda jitfarfar ikollu ħerqa kbira li jidħol fid-dinja tax-xogħol ħalli jħossu bniedem responsabbli u jaqla' l-ħobżna ta' kuljum. Biex l-aġenda li nkunu fiha timxi 'l quddiem, kulħadd irid jagħti sehemu u jikkopera mal-ieħor. Inkella nwassluha għall-falliment. *U dan jitlob sagrifċċju!*
- *Ir-rabta mar-reliġjon:* ma nistax ngħid li nappartjeni għal xi reliġjon partikulari u ma nosservax it-twemmin li din tippromwovi. Ma nistax ma nieħux sehem fl-attivitajiet li jkunu organizzati. U dan jitlob sagrifiċċju!
- *Ir-rabta mal-volontarjat:* għalkemm m'inix obbligat li din il-ħidma nwettaqha, jekk nidħol għaliha, ma nistax inwettaqha kif naħseb l-aħjar jien u meta jaqbel lili. Irrid nirrispetta r-regoli tagħha u naħdem ma' oħrajn u mhux għal rasi u meta għandi aptit. *U dan jitlob sagrifiċċju!*

**Maturità**

Dan kollu juri li kull rabta titlob sagrifiċċju. Titlob li nnaqqas mil-libertà tiegħi biex noffriha lil ħaddieħor. U dan jista' jidher redikolu fil-ġurnata tal-lum! Imma min

għandu ftit sens jaf li, aktar ma jiena nieħu bis-serjetà r-rabta li jien għandi mal-familja, max-xogħol, mar-reliġjon, mal-ħidma volontarja u oħrajn, aktar jien se nħoss sodifazzjon f'ħajti u aktar se nikber u nimmatura!

**Insaħħuhom**

Ejjew, għalhekk, insaħħu r-rabtiet tagħna u mhux indgħajfuhom! Ejjew insaħħu r-rabta tagħna ma' din il-komunità li qed ngħixu fiha ħalli permezz tagħha nkattru l-fidi tagħna. Dan nagħmluh l-aktar permezz tas-smiegħ tal-Kelma u tal-Ewkaristija. Ejjew nagħtu każ tal-bżonnijiet ta' xulxin speċjalment dawk li huma l-aktar batuti fostna; ejjew nikkontribwixxu t-talenti, il-ħin u l-ġid, sabiex insiru komunità aktar b'saħħitha.

Biex nagħmlu dan hu meħtieġ is-sagrifiċċju! Dan iżda jagħtina s-sodisfazzjon li nixbhu lill-Imgħallem tagħna li baqa' *marbut* magħna fil-Knisja tiegħu ħalli jkollna l-libertà ta' wlied Alla.

U ta' dan inroddulu ħajr!

***Dun Evan***

# PROGRAMM TA' ĦADD IN-NIES 2020



**Il-Kwadru Pellegrin** tal-Madonna tal-Grazzja se jkun f'dawn il-postijiet:

**8-11 ta' Frar**:
Dar tal-Anzjani, Bormla
**12-17 ta' Frar**:
Parroċċa Vittoriosa (il-Lunzjata u San Lawrenz)
**18-23 ta' Frar:**
Knisja Kappuċċini, Kalkara
**24-28 ta' Frar**:
Parroċċa Wied il-Għajn
**Ġimgħa 28**:
Fit-8.00pm quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn u wara mixja bil-Kwadru sa Ħaż-Żabbar
**Sibt 29:**
Fis-6.15pm quddiesa u preżentazzjoni tar-reffiegħa (iġibu l-kunfratija magħhom) fis-santwarju. Mistiedna l-familjari tagħhom.
**Ħadd 1: L-Ewwel Ħadd tar-Randan u Ħadd in-Nies.**
Fl-4.15pm l-ewwel pellegrinaġġ Djoċesan tar-Randan akkumpanjat mill-vara tal-Madonna tal-Grazzja. Fid-dħul, fil-5.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Arċisqof.

<u>**Rebħ tal-Indulġenza Plenarja**</u>.

Tista' tintrebaħ minn kull min jieħu sehem fil-Pellegrinaġġ Marjan, jagħmel qrara sinċiera, jitlob skont il-fehma tal-Papa, jirreċita l-Kredu u jagħmel opra ta' karità. Dan japplika wkoll għall-morda li ma jistgħux joħorġu.

## *Is-sitwazzjoni tal-Fidi llum...*

# INQUMU QAWMA FUQ TAGĦNA!

***Silta minn Diskors li l-Papa Franġisku għamel lill-membri tal-Kurja Rumana, 21 ta' Diċembru 2019:***



"Sa xi snin ilu konna nistgħu niddistingwu bejn żewġ rejaltajiet ċari: dinja Kristjana u dinja li għad trid tiġi evanġelizzata. Din is-sitwazzjoni m'għadhiex teżisti aktar illum.

Nies li għadhom ma rċevewx il-messaġġ tal-Evanġelju m'għadhomx jgħixu biss f'kontinenti 'l hemm mill-Punent; dawn saru jgħixu kullimkien, speċjalment f'żoni urbani enormi li jitolbuna nilħquhom b'mod speċifiku ta' ħidma pastorali.

*Id-dinja Kristjana m'għadhiex aktar!* M'għadniex aħna li noħolqu l-kultura, lanqas m'aħna dawk ta' fuq quddiem fit-tmexxija jew dawk li l-aktar mismugħa. Il-fidi, kemm fl-Ewropa kif ukoll f'parti kbira mill-Punent, m'għadhiex aktar magħġuna mal-ħajja soċjali; ħafna drabi l-fidi hija mwarrba, emarġinata, imwaqqa' għaċ-ċajt".

***Allura quddiem din ir-realtà x'se nagħmlu? Se nibqgħu nħarsu? Mhux aħjar naraw flimkien kif se nixhdu għall-Mulej Ġesù u kif se nużaw it-talenti tagħna u nxammru l-kmiem biex dak li nemmnu fih ma jintilifx imma ngħadduh lil ta' warajna?!!***

## ENVELOPES GĦALL-OFFERTI TAGĦKOM

Bħal kull sena, mal-ħarġa ta' Frar tirċevu ENVELOPE għall-offerti tagħkom għas-santwarju u l-ħidma pastorali. Dan l-aħħar tkompla x-xogħol fuq il-parti t'isfel tal-ħitan tas-santwarju; sar xogħol fuq l-apparat tal-arloġġ tal-kampnar, inxtara amplifier ġdid tal-PA system tas-santwarju... u tant ħidmiet oħra ta' manutenzjoni li jsiru matul is-sena kollha. Grazzi ħafna tal-għajnuna tagħkom.

L-Arċipriet.

## ATTIVITAJIET MATUL IL-ĠIMGĦA...

**L-Erbgħa:** Nisa Azzjoni Kattolika (miftuħa għan-nisa kollha); Anzjani (9.15am)

**Il-Ħamis:** Mother & Toddler Club (10.00am); Romol (irġiel u nisa) kull ħmistax (6.30pm)

**Il-Ġimgħa:** Prova Kor Notre Dame (7.30pm)

**Is-Sibt:** Abbatini (11.00am)

# NILTAQGĦU NHAR … FRAR 2020

**Sibt 1:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fl-okkażjoni ta' *Jum Ħaż-Żabbar*, għall-quddiesa tas-6.15pm, ikunu preżenti s-Sindku u l-membri tal-Kunsill Lokali.

**Ħadd 2:** **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej – il-Kandlora**. Fl-10.15am quddiesa għat-tfal u l-ġenituri fl-okkażjoni tal-Kandlora. Fil-5.30pm tberik tax-xemgħa, purċissjoni mal-knisja u Konċelebrazzjoni. Billi jaħbat *Jum il-Ħajja Konsagrata*, huma mistiedna t-tliet komunitajiet tar-Reliġjużi Nisa tal-parroċċa.

**Tlieta 4**: Sant'Agata, verġni u martri – Tifkira O (3 seklu)

**Ħamis 6**: San Pawl Miki u sħabu, martri tal-Ġappun (+1597) – Tifkira O

**Ġimgħa 7**: *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Wara l-quddiesa tas-6.00pm adorazzjoni komunitarja u barka sagramentali.

**Ħadd 9:** **Ir-Raba' Ħadd tas-sena**. Fl-10.15am quddiesa ta' radd-il ħajr minn Zabbar Scout Group f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħhom. Wara l-quddiesa jagħmlu Church Parade f'xi toroq ta' Ħaż-Żabbar.

**Tnejn 10:** **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna fuq il-Gżejjer Maltin**. Festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd inkluż dik ta' filgħaxija.

**Tlieta 11**: *L-Ewwel Dehra tal-Madonna f'Lourdes* – Tifkira. Billi jaħbat ikoll *Jum il-Morda*, il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, iġibu numru ta' morda fis-santwarju għall-quddiesa tas-6.00pm.

**Ħamis 14:** San Ċirillu, raħeb u San Metodju, isqof – patruni tal-Ewropa (sek 9) – Festa.

**Ħadd 16:** **Il-Ħames Ħadd tas-sena.** Fl-10.00am **l-ewwel seminar** għall-ġenituri tal-adolexxenti li se jagħmlu l-Griżma din is-sena. Fil-11.30pm jiltaqgħu ma' wliedhom għall-quddiesa.

**Sibt 22**: *Il-Katedra ta' San Pietru Appostlu – Festa*. Illum nitolbu b'mod speċjali għall-Q.T. il-Papa u nwegħdu li nibqgħu magħqudin miegħu fit-tagħlim li jwasslilna.

**Ħadd 23:** **Is-Sitt Ħadd tas-sena**

**Erbgħa 26:** **L-Erbgħa tar-Rmied u BIDU TAR-TAR-RANDAN IMQADDES**. Jum ta' sawm u astinenza. Fil-quddies kollu jsir it-tqegħid tal-irmied. Fis-6.10pm ninġabru fil-kappella tal-Lunzjata fejn jitkanta s-salm 150 u wara pellegrinaġġ penitenzjali bil-Kurċifiss sas-santwarju. Fis-6.30pm issir Konċelebrazzjoni bit-tqegħid tal-irmied.

**Ġimgħa 28**: **Kull nhar ta' Ġimgħa**, matul ir-Randan, fit-8.10am, jitkanta **t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum – il-Lawdi** fil-kappella tal-Kurċifiss. Wara l-quddiesa tat-8.30am u tas-6.30pm tingħata qima lil Kristu Msallab. Għalkemm il-ġranet kollha tar-Randan huma jiem ta' penitenza, tajjeb nosservaw il-jum tal-Ġimgħa bħala jum ta' sawm u astinenza wkoll.

## INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Rosa Cauchi (87), Anthony Buttigieg (88), Anthony Foca (93), Fredu Gauci (82), Nazzareno Mercieca (76), Mary Grace Psaila (78), Alfreda Said (78), Giovanni Scicluna (83), Francis Sciberras (51), Emanuel Cachia (64), Edward Scerri (85), Anthony Spiteri (71), Paola Meilak (91), John Camilleri (71), Raymond Gialanze (54), Maria Tereza Mallia (87), Victor Lia (86).